



Brussell, 18 ta' April 2023
(OR. en)

7360/23

Fajl Interistituzzjonal:
2023/0069 (NLE)

**AELE 10
EEE 7
N 22
ISL 22
FL 8
MI 188
AVIATION 66
RELEX 334**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem I-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda fl-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) u l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE (Ir-Regolament tal-EASA)

DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,
fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda
fl-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) u
l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE
(Ir-Regolament tal-EASA)
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implementazzjoni tal-¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹ (“il-Ftehim ŻEE”) daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista’ jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) u l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² jenħtieġ li jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Għaldaqstant l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) u l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq.
- (5) Għaldaqstant jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 001, 3.1.1994, p. 3.

² Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91, ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1.

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tīgħi adottata, f'isem l-Unjoni, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta fl-Anness II (Regolamenti, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) u l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*